BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghal-laqgha numru hdax tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Frar 2010, fis-6:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

| | |
|---|---|
| 1 | **Talba** |
| 2 | **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 10** |
| 3 | **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti tal-laqgha numru 10** |
| 4 | **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 10** |
| 5 | ***Financial Statements* mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Dicembru 2009** |
| 6 | **Korrispondenza** |
| 7 | **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 8 | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 9 | **Eghluq** |

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

.* *Kopja tal-Financial Statements* jintbghat lilkom aktar tard din il-gimgha .

BIRKIRKARA

Minuti tal-hdax il-laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 8 ta' Frar 2010 mis-6.05pm sat-7.45pm

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg (Vici-Sindku) |
| | Is-Sur Emanuel Aquilina |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sinjorina Rose Frendo |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sinjorina Chirelle Sciberras |
| | |
| | Is-Sur John Borg - Assenti imma Skuzat |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt–Assenti imma Skuzata |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami,il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri Mark George Abdilla, Emanuel Aquilina, Joanne Borg, Rita Borg, Dr George Debattista, Rose Frendo, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg u Chirelle Sciberras.. Il-Kunsilliera s-Sinjuri:- Dr Josianne Cardona Gatt u John Borg , kienu assenti imma skuzati. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku. Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

Qabel bdiet tigi diskussa l-agenda is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi l-Kunsilliera s-Sinjuri John Borg u Dr Josianne Cardona Gatt kienu nfurmawh permezz ta' email li huma ma setawx jattendu ghal-laqgha minhabba li s-Sur John Borg kellu mpenji konnessi mal-klabb tal-futboll u Dr Josianne Cardona Gatt kienet ma tiflhax. Unanimament il-membri prezenti qablu li z-zewg kunsilliera ghandhom jitnizzlu bhala skuzati.

## 1. Talba.

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 10

Il-Minuti ta' l-Ghaxar laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati minghajr bdiel u/jew korrezzjoni, b'ghaxar voti favur, xejn kontra u astenzjoniji wahda. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur

BIRKIRKARA

kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla,Joanne Borg, Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja , Rose Frendo, u Chirelle Sciberras. Dr George Debattista astjena peress li hu kien assenti ghal-laqgha numru ghaxra.

## 3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 10

3.1 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 3.2. Hi staqsiet jekk il-Kunsill kienx ghamel l-appuntament mal-Kappillani tal-hames parrocci ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi dan l-appuntament kien ser isir fil-granet li gejjien.

3.2 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 3.3. Il-Vici Sindku nfurmat lil membri prezenti illi l-ewwel laqgha kienet ser issir nhar id-9 ta' Frar 2010 fis-7pm gewwa l-ufficcju tal-Kunsill.

3.3 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 9.4. Il-Vici Sindku staqsiet x'kien ezattament il-hsieb dwar dak li ssuggerixxa s-Sindku ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi ghandha issir laqgha mhux ufficjali bejn il-Kunsilliera fejn jigu diskussi l-applikazzjonijiet inkonnessjoni mal-fondi specjali. Is-Sindku qal li sa issa hu gie avvicinat biss mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u mill-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt.

3.4 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 9.6. Hi sostniet li meta l-Kunsill jircievi memos konnessi ma xi Kumitat jew Sotto-Kumitat, dawn ghandhom jintbghatu fuq l-email personali tac-*chairperson* rispettiv. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-emails kollha li jircievi l-Kunsill kif ukoll ir-risposti ghal memos jigu awtomatikament mibghuta fuq l-emails li l-Gvern ta' lill-Kunsilliera. Is-Segretarju qal ukoll li l-iskrivana qeghdha tiehu hsieb ukoll, li hafna mill-emails, u dan skond il-kaz, jintbghatu wkoll fuq l-emails personali tal-Kunsilliera.

3.5 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 9.8. Hi spjegat illi l-ghan tal-progett –Comenuis Regio kien li jilhaq lil dawk it-tfal li jaqtaw lura fl-izvilupp edukattiv u socjali taghhomli jwassalhom f'risku ta' poverta'. Hi qalet li l-progett hu mmirat li jtejjeb u jippromovi l-livell ta' l-edukazzjoni b'koperazzjoni ma awtoritajiet edukattivi, regjonali, lokali u komunitarji.Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg meta l-Kunsill jircievi ilment konness ma l-iskejjel tal-lokal, lil min nghadduh ? Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg qalet li jekk l-ilment jasal ghandha hi tghaddih lis-Sur Fabri. Is-Sinjura Joanne Borg qalet li minn dak li hi qed tisma' l-livell edukattiv fil-lokal, tbaxxa. Il-Vici Sindku qalet li hi ma tarax il-kaz. Hawnhekk il-Vici Sindku Sindku acceniet ghal hidma kbira li qed jaghmel is-Sur Fabri sabiex il-livell edukattiv fl-iskejjel taghna jkompli miexi aktar 'il quddiem.

## 4 Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 10

Il-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 10 kienet tqassmet ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saret diskussjoni qasira fejn il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg accena u talab aktar spjegazzjoni fuq item 24. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-*item* imsemmija kienet tirrigwardja l-attivita konnessa mal-Villagg tal-Milied. Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ghamel riferenza ghal zewg *invoices* li kien jirrigwardjaw ukoll il-villagg tal-Milied. u li l-Kunsill kien irceviehom permezz ta' email. Hu staqsa x'kienet ir-raguni li dawn ma kienux tnizzlu fil-lista ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dawn ma kienux tnizzlu minhabba li hu ma kienx qed jaqbel maghhom u ghalhekk ma kienux ser jithallsu. Il-Kunsillier is-Sur Emanuel Aquilina ghamel riferenza ghal kumment li kien ghaddilu propjetarju ta' stabbiliment li jinsab fi Triq il-Wied ta' l-Imsida dwar ittra li dan il-propjetarju kien ircieva minghand is-Sindku fejn skond din il-persuna hu ntalab li jhallas is-somma ta' 20 ewro biex jigu mizbura s-sigar fl-imsemmija triq. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami filwaqt li cahad dak li ntqal , ghamel riferenza ghall-ittra li hu kien baghat Is-Sindku qal li biex jinzabru dawn is-sigar hemm diga kumpaniji li ser jaghtu l-kontribut taghhom lill-Kunsill. Hu qal li l-Kunsill lest li jaccetta kull donazzjoni biex jittaffew l-ispejjez involuti. Hawnhekk is-Sindku nforma

lill-membri prezenti illi s-sigar li hemm hdejn il-grawnd ta' l-infetti kienu sejrin jinqghalu minhabba li qed jaghmlu hsara kbira il-bankina u lit-triq.

Wara il-lista tax-xiri u pagamenti giet approvata bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqet ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Emanuel Aquilina. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja , Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

**5 *Financial Statements* mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Dicembru 2009**

Ghal habta tas-6.25pm is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami stieden lill-accountant tal-Kunsill is-Sur Christian Vella biex jispjega il-*Financial Statements.*Dan ir-rapport li kien thejja mis-Sur Vella nnifsu kien intbghat lill-Kunsilliera permezz ta' email, filwaqt li kopja tieghu regghet inghatat lill-Kunsilliera prezenti qabel il-laqgha.

Is-Sur Vella spjega illi :-

A ghal din is-sena finanzjarja l-Kunsill kien ser ikollu awditur gdid li huma mill-kumpanija Grant Thornton ;

B l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill kienet qeghda titjieb.Infatti l-indikatur naqas minn -59 ghal -45 ;.

C din id-darba hu kien konservattiv hafna xi jdahhal fil-kotba. Ghalhekk id-dhul li kien hemm dubju fuqhu tnehha mill-kotba ;

D *d-defecit* kien naqas, u dan minhabba li kien hemm aktar kontroll fl-infieq, l-Kunsill dahhal flus mill-UIF, mill-Awtorita tad-Djar u mil-LES ;

E l-fondi li applikajna ghalihom mal-Mepa ma gewx inkluzi f'dan ir-rapport. Dan minhabba li kienu ghadhom ma gewx approvati mill-istess Mepa ;

F l-progetti kapitali li saru, bhal dawk ta' pavimentar ta' l-isqaqien, kienu kollha ser jigu ffinanzjati mill-Mepa ;

G l-Kunsill kien ser idahhal il-flus mill-immanigjar ta' l-iskart separat, u dan skond ftehim li ntlahaq mal-kumpanija Green MT.

H l-Kunsill kien qed idahhal il-flus, skond il-*bye law* li ghandu l-Kunsill, mit-tabelli tar-reklamar li kienu qed jitwahhlu madwar il-lokalita'.

I dwar LES, tnizzlet ic-cifra ta. €19,000 li ndika l-ufficjal awtorizzat tal-Kumitat Kongunt. L-*accountant* semma wkoll li fl-ahhar xhur il-Kunsill kien dahhal is-somma ta' €49,780 mill-hlasijiet tal-kontravenzjonijiet.

j kien intlahaq ftehim bejn il-Kunsill u d-Direttur Generali tat-Taqsima Xogholijiet dwar € 30,747.71 inkonnessjoni mal-progett tar-restawr ta' l-Akwedott, fejn fil-25 ta' Novembru 2009 kien gie ffirmat ftehim mal-Greenn MT biex l-imsemmija kumpanija tibda thallas f'isem il-Kunsill, €1000 fix-xahar lill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali biex tinqata' s-somma imsemmija. Il-kumpanija ser taghmel dan mid-dhul li hi ser ikollha mill-gbir ta' l-iskart isseparat.

K fl-ispejjes konnessi mal-kuntratt tad-dawl tat-toroq kelna tnaqqis konsiderevoli fl-ispejjez ;

L dwar in-nuqqas ta' qbil li l-Kunsill ghandu ma' Polidano Bros Ltd dwar it-€80,000, l-*accountant* qal li fil-gimghat li gejjien hu kien se jiltaqa' ma' *l-accountant* tal-kumpanija msemmija biex nippruvaw nilhqu ftehim ;

M dwar l-*allowance* li ser jinghataw il-kunsilliera l-*accountant* qal li fuq din l-*allowance* kienet ser tigi applikata taxxa ta' 20%

Waqt id-diskussjoni l-Kunsillier Dr. George Debattista accena ghal hlas li qed isir mill-Kunsill lill-Wasteserv rigward il-landfill. L-*accountant* wiegeb illi ghal din il-haga l-Kunsill kien qed jircievi flus addizzjonali minghand il-Gvern.

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li fil-gimghat li gejjien il-Kunsill kien ser jiffirma l-kuntratt il-gdid mal-Ministeru tas-Sahha dwar l-ispazju li huma qed jokkupaw gewwa c-Centru Civiku. Permezz ta' dan il-kuntratt il-Kunsill mistenni jdahhal €80,000, u kull sena din il-figura tizdid bil-5%. Is-Sindku qal ukoll li bhalissa l-Kunsill kien qed iwahhal is-*submeters* biex kull Dipartiment jibda jhallas ezattament ghal konsum tad-dawl li huma jkunu qed jahlu. Is-

BIRKIRKARA

Sindku qal li permezz ta' dawn is-*submeters* ser ikun possibbli li jigi ddeterminat f'liema sezzjoni jew dipartiment qed jikkawza l-'*peak*' li qed ikun hemm matul il-lejl, fejn qed jinhela hafna dawl u dan meta fic-Centru ma jkunx hawn attivita'.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien talab fondi biex il-bozoz tal-komun u ta' l-ufficini tal-Kunsill jinbidlu ghal dawk ta' *energy savers*. Is-Sindku qal ukoll li l-kunsill applika biex jitwahlu pannelli solari fuq il-bejt tac-Centru Civiku biex tigi generata energija eletrika ghal komun u ghall-ufficini tal-Kunsill. Infatti s-Sindku qal li diga gew approvati l-fondi ghal dan il-ghan, u ghalhekk il-Kunsill fil-jiem li ghaddew hareg sejha ghall-offerti. Is-Sindku fakkar illi l-AC tac-Centru kien ghadda wkoll taht ir-responsabilta tal-Ministeru tas-Sahha. Hawnhekk il-Kunsillier Dr George Debattista staqsa lill-*accountant* jekk kienx sar studju ta' kemm qed jinhela dawl minhabba l-lifts tac-Centru Civiku ? *L-accountant* wiegeb illi din kienet responsabilta ta' inginier.

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi fl-ahhar jiem is-Segretarju Ezekuttiv kien nforma lill-AKL illi l-Kunsill mis-sena 2006 ghandu jiehu circa ta' €119,000 minghand il-WSC. Din ic-cifra ihaddmet skond in-numru ta' permessi li hargu (permessi tat-trinek) multiplikati bir-rata ndikata fil-ftehim ta' qabel is-sena 2006.

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li rigward il-magazine tal-Kunsill hu kien qed jissuggerixxi li l-Kunsill ghandu jikkunsidra li johrog espressjoni ta' nteress ghal dawk interessati li jiehdu hsieb il-pubblikazzjoni u l-istampar tal-magazine tal-Kunsill bil-kundizzjoni li l-Kunsill ma jkollu 'l ebda spejjes xi jgorr, u li l-kunsill ikollu 20 pagna esklussivament ghalih. Dik il-kumpanija jew individwu li jiehu l-kuntratt ikollu d-dritt ta' 20 pagna ghar-reklamar. Hu qal li din il-haga tiga qed tithaddem f'kunsilli ohra. Is-Sindku qal ukoll illi hu l-hsieb tieghu li l-Kunsill jibda jipprepara speci ta' leaflet li jkun juri l-progetti li jkunu saru. Is-Sindku qal li layout tal-leaflet ser isir mill-Kunsill u l-istampar isit permezz tal-*photocopier*.

Is-Sindku nforma lill-membri prezenti li bhalissa hu ghaddej f'tahdidiet mal-GO sabiex tipprovdilna pakkett ta' incentivi ghall-Kunsilliera, u l-impjegati nteressati. Dan il-pakkett mistenni jkun jinkludi fost l-ohrajn telefonati b'xejn ghal min jidhol fis-sistema. Hawnhekk is-Sindku semma l-bzonn li tinbidel il-pabx tal-Kunsill minhabba li din issa hi *absolete* ghal bzonnijiet li ghandu bzonn prezentament il-Kunsill. Il-Sindku qal ukoll li ghal aktar minn darba hu u s-Segretarju kienu talbu kwotazzjoni minghand il-kumpanija li kienet installat din is-sistema, biss il-Kunsill baqa' minghajr twegiba.

Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa x'gara miz-zewg kawzi pendenti li kellu l-Kunsill ?. Is-Sindku wiegeb li fil-prezent il-kunsill kellu kawza wahda pendenti li kienet dik ta' 'Sammut Alessi'. Dwar il-kawza l-ohra, dik ta' Chetcuti, is-Sindku qal li l-Kunsill kien hallas ghall-ispejjez u dan skond decizjoni li kien ha l-Kunsill dak iz-zmien. Is-Sur Buttigieg staqsa wkoll kemm tigi -45% tad-*defecit*. L-*accountant* wiegeb li s-somma hi dik ta' €426,000.

Il-Kunsillier Dr George Debattista qal li kien ferm importanti illi l-indikatur ikompli jonqos u li jkompli jsir *monitoring*.

Hekk kif spiccat id-diskussjoni s-Sindku rringrazzja lill-*accountant* is-Sur Christian Vella li min-naha tieghu halla l-Kamra ghal habta tas-7.21pm.

Wara l-*Financial Statements* tal-perjodu mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Dicembru 2009 gew approvati bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur John Mary (Jimmy)Calleja. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, Rose Frendo, u Chirelle Sciberras.

BIRKIRKARA

## 6 Korrispondenza

6.1 Ittra bid-data tat-22 ta' Jannar 2010 minghand il-Perita Lara Demicoli f'isem l-ADT dwar *l-un/loading Bays* f'Birkirkara. Unanimament il-membri kollha prezenti qablu li l-Kunsill ghandu jimxi ma l-istruzzjonijiet imnizzla fl-ittra.

6.2 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward ilment/i li ghamel is-Sur Joseph Pavia dwar is-suq fil-berah gewwa Birkirkara. Fl-istess dokument prezentat hemm ukoll ir-risposta li ta' is-Segretarju Ezekuttiv lil l-istess Dipartiment. Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ghamel riferenza ghal speci ta' *parking bay* li hemm fi Triq Tumas Fenech k/m Sqaq Tumas Fenech. Hu qal li hdejn dan il-parkegg twahlu tabelli fejn jindika li ma jistax isir ipparkjar gewwa kaxxa msemmija. Is-Sindku qal li l-kazxxa msemmija m'hiex *parking bay* imma hi speci ta' linja jew indikazzjoni li dik hi art privata. Hu qal li dik tappartjeni lis-Sur Pavia. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn unanimament il-membri kollha prezenti qablu ma suggeriment li ghamel il-Kunsillier Dr George Debattista sabiex il-Kunsill jaghmel *requisition* mad-dipartiment ta' l-artijiet fuq din l-art.

6.3 Email li l-Kunsill ircieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar kif ser ikun imqassam il-konfini tal-Kommunita tas-Swatar – Birkirkara u dik tal-Kommunita tas-Swatar –Msida.

## 7 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.1 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa x'passi ttiehdu fuq l-email li baghat is-Sur Zammit dwar meta kienu ser jinxteghlu il-lights li saru hdejn il-BOV ta' Triq in-Naxxar. Is-Sindku wiegeb illi l-Kunsill kien ressaq dan l-ilment quddiem l-ADT.

7.2 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja ghamel riferenza ghall-email li baghat is-Sur George Cassar fuq pubblikazzjoni ta' ktieb. Is-Sindku wiegeb illi gew ordnati zewg kotba ghal-Librerija.

7.3 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja ghamel riferenza ghal zewg ittri li hu u l-kunsilliera kienu rcevew personalment gewwa dar taghhom minghand is-Segretarju tal-Kazin Santa Liena, Banda Duke of Connaught. Is-Sur Calleja staqsa jekk il-Kunsill kienx sejjer jaghti l-ghajnuna mitluba ?. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami filwaqt li fakkar li l-Kunsill ma jistax jaghti donazzjonijiet skond il-ligi, accenna ghad-disgwid li kien inqala ma l-istess Segretarju tal-kazin tal-banda imsemmi, xhur ilu. Is-Sindku sostna li personalment hu ma jaqbilx li ghandu jirrispondi ghall-ittri msemmija. Ghalkemm saret diskussjoni qasira dwar jekk ghandiex tinghata risposta jew le, il-membri prezenti ma waslux ghal konkluzzjoni.

7.4 Il-Kunsillier Dr George Debattista ssuggerixxa li ghandha tintbghat ittra lir-residenti taz-zewg kommunitajiet – Fleur-de-lys, u s-Swatar, biex ngharrfuhom x'ser tkun ezattament il-funzjoni taghhom. Hu qal li dan hu mehtieg minhabba li hemm residenti li qed jahsbu li huma kien ser ikollhom Kunsill ghalihom. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li ghal dan il-ghan hu kien qed jipprepara ittra biex tintbghat lil kull votant li hemm fil-konfini taz-zewg kommunitajiet.

7.5 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg staqsiet meta kien ser jitkopla Sqaq l-Imriehel ? Is-Sindku qal li x-xoghol mistenni jitkopla kif jispicca x-xoghol fi triq Karm Zerafa.

7.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark G. Abilla staqsa x'kien ser jigri mill-bini li kien jintuza bhala bar fi Gnien John Borg. Is-Sindku wiegeb li dan il-bini kien ser jitnehha.

7.7 Il-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx f'pozizzjoni li jaghti sponsorship lit-tim tar-*rugby* ta' Birkirkara? Is-Sindku wiegeb li din il-haga bil-ligi ma nistawx naghmluha.

7.8 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ghamel riferenza ghal mistoqsija li kien ghamel is-Sur Paul Attard fil-laqgha annwali ghal pubblika dwar ir-rati nkonnessjoni mal-permessi ta' l-iscafolding, krenijiet etc. Is-Sindku wiegeb li r-rati huma stabbiliti bil-ligi.

**8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Xejn

**9 Eghluq**

Ghall-habta tat-7.45pm bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Kien hemm qbil unanimu li d-data ghal-laqgha li jmiss tithabbar izjed 'il quddiem.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv

Michael Fenech Adami
Sindku